ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

FATTI u FIGURI

ECHA-16-A-01-MT

# Programm ta' Ħidma 2016 – Punti ewlenin

L-ECHA taħdem għall-użu sigur tas-sustanzi kimiċi. Hija timplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività.


Dritt tal-awtur © Fotolia

L-Aġenzija tgħin lil kumpaniji biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni, tavvanza l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi, tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u tindirizza sustanzi kimiċi ta' tħassib.

Fl-2016, il-prijoritajiet tal-ECHA huma ddefiniti mill-erba' għanijiet strateġiċi tagħha.

## 1 Il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità għolja għal manifattura u użu b'mod sigur ta' sustanzi kimiċi

L-2016 hija sena kruċjali għall-preparazzjoni tal-aħħar data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni ta' REACH. Sal-2018, il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimpurtaw is-sustanzi kimiċi ta' tunnellata waħda jew aktar kull sena jeħtieġu li jkunu rreġistraw is-sustanzi tagħhom. Ħafna minn dawn ir-reġistranti huma kumpaniji ta' daqs żgħir u medju.

### Ngħinu lill-industrija tkun konformi

Sabiex tgħin lill-kumpaniji jippreparaw ir-reġistrazzjonijiet tagħhom, l-ECHA sejra tniedi ġenerazzjoni ġdida ta' għodod tal-IT faċli għall-utent għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tad-dossier. Aktar appoġġ imfassal għall-SMEs ser ikun ipprovdut permezz ta' gwidi prattiċi, dokumenti ta' gwida u n-netwerk ta' helpdesks nazzjonali. Dan jippermetti lill-ECHA sabiex tistieden reġistranti ġodda sabiex jibdew jippreżentaw dossiers għad-data tal-iskadenza tal-2018 fl-2016.

Ġew żviluppati għodod u mudelli ta' appoġġ oħrajn ma' msieħba fl-industrija għal utenti downstream ta' sustanzi kimiċi u reġistranti. Dawn sejrin jgħinu

sabiex jgħaddu informazzjoni dwar l-użu ta' sustanzi u kundizzjonijiet għall-użu fil-katina tal-provvista.

**Il-verifika ta' sustanzi li huma importanti**

Sabiex ittejjeb is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi, l-ECHA tivverifika d-dossiers tar-reġistrazzjoni għall-konformità. Hi tiffoka fuq is-sustanzi li huma l-aktar importanti għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

L-ECHA tħeġġeġ kumpaniji sabiex itejbu u jaġġornaw id-dossiers tar-reġistrazzjoni tagħhom. L-Aġenzija tħabbar minn qabel sustanzi li potenzjalment huma magħżulin għall-verifika tal-konformità.

L-ECHA tivvaluta wkoll il-proposti kollha sabiex tivverifika s-sustanzi fuq l-annimali vertebrati. Sal-1 ta' Ġunju 2016, sejra tlesti l-eżaminazzjoni tal-proposti tal-ittestjar kollha ppreżentati għad-data tal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2013.

**Bażi ta' data: informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi**

Sabiex tiżviluppa l-bażi tad-data unika tagħha dwar is-sustanzi kimiċi, l-ECHA sejra tkompli ttejjeb l-aċċessibilità u l-faċilità tal-użu tad-data għall-utent. Dan ifisser informazzjoni dwar 120 000 sustanza kimika, inkluż data dwar il-karatteristiċi intrinsiċi tas-sustanzi, il-perikli, l-użi u l-istatus regolatorju fi tqassim aċċessibbli faċilment.

## 2 Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet sabiex jużaw l-informazzjoni b'intelliġenza sabiex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib

L-ECHA u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiskrinjaw il-bażijiet tad-data tal-ECHA u jidentifikaw sustanzi kimiċi potenzjalment perikolużi. Huma jiddeċiedu dwar l-istrument xieraq għall-evalwazzjoni (kontroll ta' konformità jew evalwazzjoni tas-sustanza) jew miżuri ta' ġestjoni tar-riskju (restrizzjonijiet, awtorizzazzjoni jew klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati) sabiex jindirizzaw it-tħassib. Fl-2016, huwa mistenni li ħafna aktar sustanzi jkunu kkontrollati minn dawn il-miżuri.

L-ECHA tantiċipa numru kbir ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni dwar l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fl-2016. Qabel ma tipprepara l-opinjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni, l-Aġenzija sejra tippromwovi l-konsultazzjonijiet pubbliċi b'mod attiv sabiex tiġbor informazzjoni dwar sustanzi jew tekniki alternattivi, inqas perikolużi minn partijiet terzi.

## 3 L-indirizzar tal-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala l-qalba għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra

L-ECHA tiżviluppa l-kapaċità xjentifika tagħha skont l-istrateġija ta' xjenza regolatorja. Fl-2016, dan jinkludi fost affarijiet oħra qafas ta' valutazzjoni read-across għal punti aħħarija ambjentali; xogħol fuq l-aċċettazzjoni regolatorja dwar metodi ġodda tal-ittestjar li jgħinu sabiex jiġi evitat l-ittestjar fuq l-annimali; u t-titjib tal-kwalità tad-data dwar nanomaterjali f'dossiers tar-reġistrazzjoni.

### STIMI GĦALL-2016

**Massimizzazzjoni tad-disponibilità ta' data ta' kwalità għolja**

| | |
|---|---|
| Dossiers ta' reġistrazzjoni ppreżentati (inkluż l-aġġornamenti) | 10 000 |
| Mistoqsijiet (relatati mar-reġistrazzjoni) | 1 600 |
| Talbiet għal isem alternattiv | 100 |
| Notifikazzjonijiet għal PPORD (Riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi) | 300 |
| Deċiżjonijiet dwar kontrolli tal-konformità | 180 |
| Deċiżjonijiet tal-proposta ta' ttestjar | 250 |
| Eżaminazzjonijiet ta' segwitu għall-valutazzjoni tad-dossier | 350 |

**Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet sabiex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib**

| | |
|---|---|
| Evalwazzjonijiet konklużi dwar is-sustanzi | 45 |
| Proposti għal restrizzjoni | 10 |
| Proposti għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna | 20 |
| Proposti għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati | 60 |
| Applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni | 60 |



## 4 It-tħaddin tal-kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b'effiċjenza u b'effettività, filwaqt li jkun hemm addattament għal limiti ġodda fuq ir-riżorsi

L-ECHA tiżviluppa s-sistemi tal-IT tagħha kemm sabiex tappoġġja l-industrija kif ukoll sabiex tarmonizza l-proċessi amministrattivi interni tagħha.

**Il-Bijoċidi**

L-ECHA tappoġġja l-Istati Membri fil-ħidma tagħhom taħt il-programm tar-reviżjoni tas-sustanzi attivi taħt ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali u fil-preparazzjoni tal-opinjonijiet relatati mill-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali. L-Aġenzija tisħaq għal mudell effikaċi għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjoni tas-sustanzi attivi u prodotti bijoċidali. Sejra tiffinalizza l-gwida għall-industrija wkoll.

**Rapport dwar l-implimentazzjoni ta' REACH.**

L-ECHA tipproduċi t-tieni rapport ta' ħames snin tagħha dwar l-operat tar-regolamenti REACH u CLP. L-enfasi ser tkun fuq proposti dwar kif tagħmel il-leġiżlazzjoni taħdem b'mod aktar effiċenti u effikaċi fil-futur.

### Għoti ta' appoġġ speċifiku għal SMEs

L-ECHA tappoġġja intrapriżi ta' daqs żgħir u medju li jkunu qed jippreparaw għad-data tal-iskadenza ta' REACH 2018 permezz ta'

- paġni elettroniċi ddedikati, webinars u gwidi għal reġistranti ġodda
- għodod u mudelli għal utenti downstream - il-kumpaniji li jużaw is-sustanzi kimiċi
- it-titjib tal-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi
- l-għoti ta' gwida u dokumenti relevanti oħra fi 23 lingwa tal-UE



Dritt tal-awtur © Fotolia

### Alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali

L-ECHA tippromwovi metodi alternattivi tal-ittestjar u taħdem sabiex tiżgura li l-ittestjar fuq l-annimali jintuża mill-industrija bħala l-aħħar soluzzjoni. Din tinkludi fost l-oħrajn

- l-għoti tal-pariri dwar ittestjar ġdid u metodi ta' valutazzjoni li jistgħu jintużaw għad-data tal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018
- l-aġġornamenti ta' dokumenti ta' gwida b'alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali
- l-eżaminazzjoni tal-proposti tal-ittestjar kollha fid-dossiers tar-reġistrazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-ġenerazzjoni ta' informazzjoni tkun imfassla għal bżonnijiet vera ta' informazzjoni u li jiġi evitat ittestajr mhux neċessaru fuq l-annimali

### STIMI GĦALL-2016

**Il-Bijoċidi**

| | |
|---|---|
| Sustanzi attivi li jridu jiġu vvalutati | 50 |
| Applikazzjonijiet għal Awtorizzazzjoni mill-Unjoni | 8 |
| Applikazzjonijiet għal fornituri ta' sustanzi attivi | 35 |
| Applikazzjonijiet għal ekwivalenza teknika u similarità kimika | 30 |

**PIC**

| | |
|---|---|
| Notifikazzjonijiet PIC | 6 300 |

**Oħrajn**

| | |
|---|---|
| Mistoqsijiet għall-helpdesk | 7 950 |
| Kontrolli dwar id-daqs tal-kumpaniji | 250 |
| Appelli ppreżentati | 26 |

annankatu 18, p.o. box 400, fi-00121 helsinki, finland | echa.europa.eu

## ORGANIGRAMMA MINN FRAR 2015

- Korpi tal-ECHA
- Direttur Eżekuttiv
- Direttorat
- Unità
- Persunal




## DAQQA T'GĦAJN LEJN L-ECHA

- Madwar 600 persunal minn ħafna mill-pajjiżi tal-UE
- 4 kumitati xjentifiċi b'esperti minn 28 Stat Membru u 2 Stati taż-ŻEE
- Forum tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar
- Baġit ta' EUR 107 miljun għall-2016






Programm ta' Ħidma 2016

echa.europa.eu/publications

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi - Frar 2016 - ECHA-16-A-01-MT - ED-AL-16-001-MT-N - ISBN:978-92-9247-752-3 - ISSN: 2315-2893 - DOI: 10.2823/366266